# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, il-Ħamis, 29 ta' Ottubru, 2020**

**Kawża Nru. 6 (Kost.)**

**Rik. Nru. 70/18JRM**

Patrick **CIANTAR** u Maria Felice Sant Cassia f'isimhom proprju u bħala kuraturi *ad litem* ta' Henry Ciantar

vs

**DIRETTUR TAR-REĠISTRU PUBBLIKU** u l-Avukat Ġenerali, illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat[1]

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-miżżewġin Patrick Ciantar u Maria Felice Sant Cassia f'isimhom proprju u bħala kuraturi *ad litem* ta' binhom Henry Ciantar fis-22 ta' Ġunju, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra,

[1] Bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2019 dwar l-Avukat tal-Istat (Kap 603) (ara A.L. 329/19)

talbu li din il-Qorti (i) issib li l-liġi fis-seħħ, b'mod partikolari fl-artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili, hija inkonsistenti mal-jeddijiet fundamentali tagħhom kif imħarsa bid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u l-artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") u l-artikolu 5 tas-Seba' Protokoll tal-istess Konvenzjoni; (ii) issib li ġew miksura l-jeddijiet tagħhom taħt l-istess disposizzjonjiiet imsemmija; u (iii) tagħti dawk ir-rimedji u direttivi xierqa sabiex jiġu mħarsa l-jeddijiet tagħhom, magħdud il-bdil xieraq u retroattiv tal-Att tat-Twelid ta' binhom, kif ukoll ordni li l-kunjom hekk ikkoreġut ma jissemmiex f'Estratti futuri tal-Att tat-Twelid. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Ġunju, 2018, li bih qiegħdet il-kawża għas-smigħ u ordnat in-notifika lill-intimati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fis-6 ta' Lulju, 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrenti billi qalu li (i) l-artikolu 32 u 46(1) tal-Kostituzzjoni ma japplikax billi mhux fost dawk l-artikoli li jagħti jedd ta' azzjoni quddiem qorti b'setgħat kostituzzjonali; (ii) l-artikolu 4(3) tal-Kodiċi Ċivili ma joħloq ebda diskriminazzjoni bejn ulied ta' persuni li żżewġu qabel d-dħul tal-emendi tal-Att XXIII tal-2017, għaldaqstant ir-rikorrenti ma jistgħux isemmu favur tagħhom l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni; (iii) id-dħul fis-seħħ ta' l-Att XXIII tal-2017 fih innifsu ma jagħti lok għal ebda għemil diskriminatorju bejn il-persuni regolati bil-liġi li kienet tgħodd għalihom qabel meta mqabbla ma' dawk li ntlaqtu b'mod dirett bil-liġi l-ġdida, għaldaqstant l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni għal darb'oħra ma jgħoddux fil-konfront tar-rikorrenti; (iv) il-fatt li bin ir-rikorrenti ma jistax juża l-kunjom biss ta' l-omm ma jwassalx għal indħil fil-ħajja privata ta' ħajjiet ir-rikorrenti u għaldaqstant ma hemm ebda ksur ta' jedd taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni; (v) fi kwalunkwe każ, l-iStat għandu setgħa wiesa' dwar kif għandu jirregola ċ-ċittadini tiegħu, dan ukoll mhux inkompatibbli mal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea; u (vi) l-artikolu 5 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni ma jgħoddx għal materja bħalma huma kunjomijiet u atti ċivili billi tali materja hija ta' bixra pubblika u amministrattiva;

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat il-provi dokumentali mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Frar, 2019, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar il-każ bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fit-28 ta' Marzu, 2019[2];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati tal-11 ta' April, 2019[3], bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-kawża;

Rat id-degriet tat-30 ta' Mejju, 2019[4], li bih, għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet it-Talba tar-rikorrenti tat-13 ta' Mejju, 2019, sabiex titressaq Nota ta' Sottomissjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali għal ħajja privata u tal-familja. Ir-rikorrenti jgħidu li ġarbu ksur tal-imsemmi jedd meta ġew imċaħħda mid-Direttur intimat li jirreġistraw it-twelid ta' binhom minuri fuq kunjom l-omm, kif xtaqu. Jgħidu li dan ġej mill-fatt li huma żżewġu qabel l-1 ta' Settembru 2017, għax kieku żżewġu wara dakinhar, it-talba tagħhom kienet tintlaqa'[5]. Iqisu li, kif inhi l-liġi dwar l-għażla tal-Isem tal-Familja, din tmur kontra l-għażla tagħhom bħala ġenituri, kif ukoll li l-liġi fiha nnifisha hija diskriminatorja billi tagħti trattament mhux ugwali bejn is-sessi. Isejsu dan l-ilment tagħhom kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni, u kif ukoll fuq dawk tal-artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 5 tas-Seba' Protokol tal-istess Konvenzjoni. Qed jitolbu li l-Qorti ssib li ġarrbu u qegħdin iġarrbu ksur tal-imsemmija jeddijiet tagħhom kif ukoll li bħala rimedju, fost oħrajn, tordna li ssir il-bidla fl-Att tat-Twelid ta' binhom kif ukoll li f'estratti tal-Att tat-Twelid li jinħarġu 'l quddiem ma jissemmiex il-fatt li kunjomu kif muri fl-Att kien inbidel;

---

[2] Paġġ. 48 sa 54 tal-proċess
[3] Paġġ. 58 sa 68 tal-proċess
[4] Paġ. 73 tal-proċess
[5] Ara artt. 4(13) u 4(17) tal-Kap 16

Illi għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu billi qalu li l-artikoli 32 u 46(1) tal-Kostituzzjoni mhumiex fost dawk l-artikoli li jagħtu jedd ta' azzjoni quddiem qorti b'setgħat kostituzzjonali. Dwar l-ilment tar-rikorrenti, jisħqu li ma hemm ebda ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzjoni jew l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni billi l-artikolu 4(3) tal-Kodiċi Ċivili ma joħloq ebda diskriminazzjoni bejn ulied ta' persuni li żżewġu qabel d-dħul tal-emendi tal-Att XXIII tal-2017, kif ukoll li d-dħul fis-seħħ ta' l-Att XXIII tal-2017 fih innifsu ma jagħti lok għal ebda għemil diskriminatorju bejn il-persuni regolati bil-liġi li kienet tgħodd għalihom qabel meta mqabbla ma' dawk li ntlaqtu b'mod dirett bil-liġi l-ġdida. Jgħidu li ma hemm ebda ksur taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni billi l-artikolu 4(3) ma joħloq ebda indħil fil-ħajja privata ta' ħajjiet ir-rikorrenti. Jisħqu li, f'kull każ, l-iStat għandu setgħa wiesa' dwar kif għandu jirregola ċ-ċittadini tiegħu. Itennu li l-artikolu 5 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni ma jgħoddx għal ħwejjeġ ta' xejra pubblika u amministrattiva bħalma huma kunjomijiet u atti ta' stat ċivili;

Illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti żżewġu fl-2016. Ir-rikorrenti Maria Felice Sant Cassia żammet kunjom xbubitha fiż-żwieġ. Fil-liġi, din l-għażla ma kellha ebda impatt fuq il-kunjom li kellu jingħata lill-ulied li jitwieldu miż-żwieġ, għaliex fiż-żmien li żżewġu l-liġi kienet tgħid li l-ulied imnissla matul iż-żwieġ kellhom jieħdu kunjom missierhom, li miegħu setgħu jżidu kunjom xbibit l-omm jew kunjom żewġha li jkun miet qabilha. Miż-żwieġ tar-rikorrenti twieled iben, Henry, fit-22 ta' Frar, 2018;

Illi fl-2017, daħlu fis-seħħ tibdiliet lil numru ta' liġijiet bil-għan li jkun hemm ugwaljanza fiż-żwiġijiet[6]. Fost oħrajn, taħt il-Kodiċi Ċivili[7], ġie introdott il-kunċett ta' l-'Isem tal-Familja'[8], li, bis-saħħa tiegħu, il-partijiet fi żwieġ jistgħu (qabel jiżżewġu) jagħżlu l-kunjom għall-familja tagħhom u dan kien ikun il-kunjom tal-ulied kollha li jitwieldu minn dak iż-żwieġ[9]. L-għażla kienet bejn il-kunjom ta' xi wieħed mill-partijiet, il-kunjomijiet taż-żewġ partijiet fl-ordni li jridu huma, jew li jinżamm kunjomhom. Din il-liġi daħlet fis-seħħ għal dawk iż-żwiġijiet li ġew ċelebrati mill-1 ta' Settembru, 2017, 'il quddiem[10];

Illi wara t-twelid ta' binhom, meta r-rikorrenti marru biex jirreġistraw it-twelid tiegħu mad-Direttur intimat, talbu li jitniżżel li huma riedu jagħtuh kunjom l-omm (Felice Sant Cassia), liema talba ma ntlaqgħetx għaliex

[6] Att tal-2017 li jemenda l-Att taż-Żwieġ u Liġijiet Oħra (Att XXIII tal-2017)
[7] Art. 4(13) sa (17) tal-Kap 16
[8] Xhieda ta' Desiree Attard f'paġġ. 38 – 9 tal-proċess
[9] Xhieda ta' Lysianne Borġ, f'paġġ. 34 – 5 tal-proċess
[10] A.L. 212/2017

kienu żżewwġu qabel l-1 ta' Settembru, 2017. Fil-fatt iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri inħareġ fuq kunjom il-missier (Ciantar) biss[11];

Illi fil-11 ta' April, 2018[12], ir-rikorrenti ressqu protest ġudizzjarju kontra d-deċiżjoni tad-Direttur intimat;

Illi fit-22 ta' Ġunju, 2018, ir-rikorrenti fetħu din il-kawża;

Illi l-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ tar-rikorrent jitilqu mill-kwestjoni tal-jedd fundamentali li huma jgħidu li ġarrbu ksur tiegħu. Joħroġ ċar mill-att promotur tal-kawża li r-rikorrenti jibnu l-każ tagħhom fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll tal-artikolu 8 u 14 tal-Konvenzjoni[13]. Iqisu li bid-dħul tas-subartikoli (13) sa (17) lill-artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili, inħolqot diskriminazzjoni kontra tagħhom għaliex it-tibdil li ġab miegħu l-Att XXIII tal-2017 ma jgħoddx b'mod retroattiv għal kull żwieġ, inkluż tagħhom, iżda biss għal dawk iż-żwiġijiet ċelebrati mill-1 ta' Settembru, 2017, 'il quddiem;

Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jissejjes fuq ksur taħt **l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni**, għandu jingħad li, għalkemm l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni jagħmel parti mill-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, ma jistax jingħad li fih innifsu jħares xi jedd speċifiku: huwa artikolu li "jelenka d-drittijiet u libertajiet fondamentali ta' l-individwu protetti mill-Kostituzzjoni … u jagħmel riferenza għal-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu f'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Kostituzzjoni"[14]. Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li l-imsemmi artikolu huwa tabilħaqq dikjarazzjoni ta' prinċipji imma mhuwiex esegwibbli bħala dispożizzjoni li tagħti ħarsien ta' jedd speċifiku kif jissemma fl-artikoli l-oħrajn ta' warajh u li jagħmlu mill-istess Kapitolu IV. Dan huwa l-qofol tal-ewwel eċċezzjoni tal-intimati, u l-Qorti tqis li għandha mis-sewwa għaldaqstant sejra tilqagħha;

Illi jmiss li l-Qorti tqis l-ilment tar-rikorrenti taħt **l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni**. Illi l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jrid li kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu. Iżid jgħid, iżda, li m'għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew

---

[11] Dok "B", f'paġġ. 28 – 9 tal-proċess
[12] Dok "Ċ" f'paġ. 30 tal-proċess
[13] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti f'paġ. 48 tal-proċess
[14] Kost. **30.11.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Walter Cuschieri et vs Onor. Prim Ministru***; u P.A. Kost. **14.5.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Bernard Gauċi pro et noe vs Kummissarju tal-Artijiet et*** (konfermata mill-Q. Kost. fid-**19.4.2016**)

l-għemil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor;

Illi biex indħil bħal dak ikun "skond il-liġi", jeħtieġ mhux biss li jsir taħt is-saħħa ta' xi liġi li tkun fis-seħħ, imma wkoll li t-twettiq ta' kull għemil ma jkunx jiddependi minn diskrezzjoni bla rażan jew użata b'mod li ħadd ma jista' jobsru[15]. Biex miżura ta' ndħil tkun titqies bħala waħda "meħtieġa f'soċjetà demokratika", jrid jintwera li kienet waħda mnissla minn ħtieġa urġenti soċjali li tkun proporzjonali mal-għan mixtieq[16] u prevedibbli fit-tħaddim tagħha biex tagħti ċ-"ċertezza" tad-dritt[17]. F'dan il-waqt ta' min isemmi li l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jitkellem dwar ir-"rispett" li l-Istat għandu juri għall-jeddijiet imsemmija f'dak l-artikolu. Dan tfisser bħala obbligazzjoni passiva fuq l-Istat biex ma jindaħalx bla bżonn jew b'mod eċċessiv f'dawk il-jeddijiet[18], bil-konsegwenza li mhux kull indħil huwa projbit sakemm ikun joqgħod mal-għanijiet maħsuba fl-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni u jkun indħil magħmul b'mod proporzjonat ma' dawk l-għanijiet;

Illi applikati dawn il-prinċipji għall-każ li għandha quddiemha, il-Qorti ma tarax li r-rikorrenti ġarrbu ksur tal-artikolu 8. Lil hinn mill-priniċipji li r-rikorrenti jħaddnu ta' dawk li huma l-valuri mfissra minnhom ta' l-ugwaljanza bejn raġel u mara[19], la l-missier u l-anqas l-omm ma kienu f'qagħda li juru li l-fatt li l-minuri għandu kunjom il-missier qiegħed jew ser joħloq tbatija, skomdu jew tħassib lil binhom[20]. Għaldaqstant, meta l-Qorti tagħsar l-ilment tar-rikorrenti ssib li dak li fil-fatt jilmentaw minnu bħala indħil mill-Istat fil-ħajja privata tagħhom jissarraf, fl-aħħar mill-aħħar, fil-fatt li m'għandhomx il-jedd li jagħżlu huma l-ewwel kunjom għal binhom[21];

Illi bħala prinċipju, il-jedd nnifsu li wieħed jagħżel il-kunjom li jixtieq iżomm ġiet mistħarrġa mill-Qorti fi Strasburgu[22] u nstab li "*There is little common ground between the domestic systems of the Convention countries as to the conditions on which a change of name may be legally effected. The Court deduces that in the particular sphere under consideration the Contracting States enjoy a wide margin of appreciation. The Court's task is not to substitute itself for the competent Finnish authorities in determining the most appropriate policy for regulating changes of surnames in Finland, but rather to review under the Convention the decisions that those authorities have taken in the*

---

[15] Q.E.D.B. **24,3.1988** fil-każ ***Olsson vs Svezja (Nru. 1)*** (Applik. Nru. 10465/83) § 62
[16] Q.E.D.B. **24.11.1986** fil-każ ***Gillow vs Renju Unit*** (Applik.Nru. 9063/80) §55
[17] Q.E.D.B. **26.3.1987** fil-każ ***Leander vs Svezja*** (Applik. Nru. 9248/81) §58
[18] O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention of Human Rights, f'paġ. 321
[19] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti f'paġ. 49 tal-proċess
[20] Ara x-xhieda ta' Maria Felice Sant Cassia f'paġ. 44 tal-proċess u ta' Patrick Ciantar f'paġ. 45 tal-proċess
[21] Aara x-xhieda ta' Maria Felice Sant Cassia f'paġ. 43 tal-proċess
[22] Q.E.D.B. **25.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Stjerna vs Fillandja*** (Applik. Nru. 18131/91) §§ 39 – 42 . Ara wkoll PA (Kost) AJM **29.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Karl Fiorini vs. Avukat Ġenerali***

*exercise of their power of appreciation....In this connection the Court considers that the national authorities are in principle better placed to assess the level of inconvenience relating to the use of one name rather than another within their national society and, in the present case, no sufficient grounds have been adduced to justify the Court coming to a conclusion different from that of the Finnish authorities*";

Illi ngħad ukoll li "*Hija l-Qorti Kostituzzjonali tal-pajjiz illi tivverifika jekk il-leġislazzjoni kenitx jew le tali illi tissodisfa dawk il-kriterji ta' bilanċ ġust li kellu jinżamm bejn l-interessi differenti ta' individwi involuti, .. kif ukoll dawk tas-soċjetà in ġenerali. Naturalment kien f'idejn l-istat biex jassigura dak il-bilanċ, b'leġislazzjoni appożita. Il-Qorti Kostituzzjonali setgħet biss tintervjeni jekk dak il-bilanċ jirriżultalha li jkun manifestament u gravament disturbat b'mod li jwassal għal-leżjoni tal-jedd fondamentali ta' l-individwu..*"[23];

Illi d-deċiżjoni ta' l-Istat li wild jingħata l-kunjom tal-missier kif imħaddna fid-dispożizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili tissarraf fil-fatt li fl-isfond soċjali li l-liġi tapplika għaliha, il-kunjom ta' persuna jagħti ċertezza fuq l-identità tagħha, u meta dan il-prinċipju jittieħed fil-qafas li r-rikorrenti naqsu li jġibu prova tat-tbatija li binhom qiegħed jew jista' jġarrab billi jżomm kunjom missieru, il-Qorti ma tarax li għandha tindaħal fil-politika li għażel l-Istat fil-qasam ta' drittijiet ċivili. Huwa sewwasew minħabba f'hekk li l-Qorti jidhrilha li f'din il-kawża ma tistax timxi mal-fehmiet li waslet għalihom il-Q.E.D.B. f'kawża li r-rikorrenti jsemmu u li jqisuha bħala identika għal dik tagħhom: tixbah, iva, imma identika le, għaliex is-sistema legali Malti, għall-kuntrarju ta' dak li kien jgħodd għall-kawża msemmija, jipprovdi espressament għall-għoti ta' kunjom il-wild fiż-żwieġ kemm bit-teħid ta' kunjom il-missier u kif ukoll dak ta' xbubit l-omm miżjud miegħu[24];

Illi l-Qorti tqis ukoll li l-kawża nfetħet mill-ġenituri u li minuri, minkejja li huwa rappreżentat minnhom, għadu f'età wisq żgħira biex isemma' leħnu dwar l-għażla tal-kunjom li jixtieq iġorr tul ħajtu kollha[25]. Għaldaqstant, safejn it-talbiet tagħhom jinbnew fuq dan id-disposizzjoni tal-liġi, m'humiex mistħoqqa u ma jirriżultax li hemm ksur ta' dak il-jedd;

Illi jifdal li jiġi mistħarreġ l-ilment tar-rikorrenti safejn jirrigwarda d-diskriminazzjoni sew taħt **l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni**. Ir-rikorrenti jixlu lill-intimati li bil-bidla li ddaħħlet permezz tal-Att XXIII tal-2017, inħolqot diskriminazzjoni kontra tagħhom abbażi ta' sess:

[23] Kost. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismjiet ***Maurice Mizzi vs Avukat Ġenerali***
[24] Q.E.D.B. **7.1.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Cusan & Fazzo vs Italja*** (Applik. Nru. 77/07) § 63
[25] Il-Qorti tat piż lix-xhieda mogħtija minn Dr Desireé Attard f'dan ir-rigward, f'paġ. 40 tal-proċess

filwaqt li koppji li żżewġu wara d-dħul tal-bidliet li ddaħħlu fl-artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili (jiġifieri 1 ta' Settembru, 2017) jistgħu jagħżlu l-'isem tal-familja', dawk il-koppji li żżewġu qabel id-dħul tal-istess bidliet (bħalma huma r-rikorrenti), ma ngħatatilhomx din l-għażla[26];

Illi l-intimati jilqgħu għal dan l-ilment fuq żewġ binarji: fl-ewwel lok, meta wieħed iqabbel il-qagħda tar-rikorrenti ma' koppji oħra wkoll miżżewġa qabel l-1 ta' Settembru, 1997, ma tirriżultax diskriminazzjoni għaliex il-liġi li wild miż-żwieġ jingħata kunjom il-missier tolqot bl-istess mod lil kull żwieġ li seħħ qabel dik id-data; fit-tieni lok, il-fatt li bidla li seħħet f'liġi ma ngħatatx effett retroattiv fiha nnifisha ma toħloqx diskriminazzjoni, dement li jkun hemm ġustifikazzjoni[27];

Illi l-Kostituzzjoni tgħid li l-ebda liġi m'għandha tagħmel xi dispożizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effetti tagħha[28]. Daqstant ieħor tgħid li ħadd m'għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi ta' funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika[29]. Ikun diskriminatorju kontra dak l-artikolu kull trattament differenti li jingħata lil persuni differenti u li jkun attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn[30];

Illi llum il-ġurnata huwa stabilit sewwa li biex jitqies li jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna jeħtieġ jirriżulta li (a) jkun ingħata lil persuna trattament differenti minn dak mogħti lil persuna jew għadd ta' persuni oħrajn (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixxiebah magħha, (ċ) liema trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalità bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat[31];

Illi fir-rigward tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni dan jitlob li (i) lment jeħtieġ li jkun marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u (ii) li l-kawżali tad-diskriminazzjoni msemmijin f'dak l-artikolu huma biss indikativi[32]

---

[26] Nota ta' Sottomissjonjiet tar-rikorrenti f'paġġ. 51 sa 54 tal-proċess
[27] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tar-intimati f'paġġ. 63 sa 65 tal-proċess
[28] Art. 45(1) Kost
[29] Art. 45(2) Kost
[30] Art. 45(3) Kost
[31] Ara P.A. (Kost.) TM **26.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Paċe Cole vs Chairman Maltacom p.l.c. et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-**25.4.2005**)
[32] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights* (4th Edit, 2006), §33.5.8, f'paġ. 1050

u jistgħu jkunu usa' mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Wieħed irid iqis ukoll li (iii) it-trattament differenti mogħti bejn kategorija ta' persuni u oħra trid tkun waħda leġittima u raġonevoli, u għalhekk mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta' trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi artikolu 14[33]. Madankollu, persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak[34];

Illi llum il-ġurnata jidher li huwa stabilit li "*a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonable justification'. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court*"[35];

Illi kif ingħad b'mod meqjus u miġbur mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward: "*biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah, (3) din id-differenza kinitx bil-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalità' bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx meħtieġ li jkun hemm dik id-differenza biex jintlaħaq dak il-għan. Huwa importanti, għalhekk, li l-paragun isir bejn persuni li huma placed in analogous situations*"[36];

---

[33] Q.E.D.B. **23.7.1968** fil-***Case Relating to Certain Aspects of the Laws on the Use of Languages in Education in Belgium vs Belġju*** (Applik. Nru. 1474/62 et.) § 10, u Q.E.D.B. **8.7.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Lithgow vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 9006/80 et.) § 177

[34] Harris, O'Boyle & Warbrick *Law of the European Convention of Human Rights*, paġġ. 465 – 6

[35] Q.E.D.B. **12.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kafkaris vs Ċipru*** (Applik. Nru. 21906/04) § 161

[36] P.A. (Kost) GCD **15.2.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Grech et vs Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjetà Soċjali et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-**9.2.2007**) li kienet tirrigwarda każ ta' pensjonijiet

Illi meta jitqiesu dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u jqegħidhom fil-qafas tal-provi mressqa mill-partijiet, wieħed jasal għall-fehma li l-ilment tar-rikorrenti dwar imġiba diskriminatorja fil-konfront tagħhom m'huwiex imsejjes u pruvat. Jibda biex jingħad li ma ġiex ippruvat mir-rikorrenti li kien hemm ulied ta' żwiġijiet li seħħew qabel l-1 ta' Settembru, 2017, li ngħataw kunjom li mhux tal-missier. Il-Qorti tqis ukoll li tkun arbitrarju jekk tilqa' l-argument tar-rikorrenti li l-fatt li l-liġi li tirregola l-kunjom tal-wild fi żwieġ inbidlet, fiha nnfisiha tfisser li l-liġi qabel ma ddaħħlu l-emendi kienet ħażina. Fil-fatt, filwaqt li l-artikolu 4(3) ma nbidilx u baqa' jgħodd għal żwiġijiet li seħħew qabel l-1 ta' Settembru, 2017, dak li wassal lill-Istat biex idaħħal '*regime*' ġdid dwar l-għażliet li kopji fiż-żwieġ setgħu jagħtu lill-isem tal-familja kien maħsub biex jindirizza ħtiġijiet u żviluppi li rriżultaw f'dawn l-aħħar żminijiet fis-soċjetà Maltija[37];

Illi l-Qorti tqis li d-deċiżjoni u għaldaqstant il-politika li ħaddan l-iStat li ma jestendix it-tibdiliet li ġab miegħu l-Att XXIII tal-2017 għal żwiġijiet li seħħew qabel l-1 ta' Settembru, 2017, kienet waħda meqjusa[38]. Għalkemm jidher li liġi tista' tingħata effett retroattiv[39], fil-każ li għandha quddiemha, lill-Qorti ma jirriżultalhiex "*an overriding reason in the public interest*" biex l-iStat kellu jagħmel dan. Kif sewwa argumentaw l-intimati, ma ntweriex li l-fatt li l-liġi ddaħħlet bla tħaddim retrospettiv kien, fih innifsu, raġuni li taħlaq diskriminazzjoni. Bosta drabi, il-ħtieġa li t-tħaddim ta' liġi ġdida jew tibdil fiha tibda tgħodd b'seħħ minn data partikolari u mhux b'lura hija r-riżultat inevitabbli tad-dħul ta' sistemi ġodda biex jibdlu jew jaġġornaw dawk qodma jew li jitolbu li ma jitħarbatx dak li kien inħalaq u kien aċċettat taħt is-sistema mibdul[40] jew li jilħaq jindara dak li ddaħħal ġdid;

Illi l-Qorti tifhem li jistgħu jkun hemm persuni, bħar-rikorrenti, li xtaqu li huma wkoll ikunu milquta bil-bidla, iżda dan ma jissarrafx f'argument b'saħħtu biżżejjed li jista' jitqies bħala aġir diskriminatorju min-naħa tal-intimati;

Illi dan iwassal lill-Qorti biex tqis li t-talba tar-rikorrenti għal sejbien ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali tagħhom taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni ma tirriżultax mistħoqqa, u għalhekk mhijiex se tintlaqa';

Illi, fl-aħħarnett, dwar l-**artikolu 5 tas-Seba' Protokoll tal-**Konvenzjoni, din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tidħol f'eżami mirqum ta'

---

[37] Ara x-xhieda ta' Dr Desireé Attard f'paġ. 38 tal-proċess
[38] Ara footnote 14
[39] Ara, b'eżempju, Q.Ġ.U.E. **26.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Goed Wonen vs. Staatssecretaris Van Financien***; u Q.Ġ.U.E. **7.10.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Safeway vs. Andrew Richard Newton et***
[40] Ara b'eżempju, Q.E.D.B. **15.12.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Montanaro Gauci vs Malta*** (Applik. Nru. 47045/06) § 71

dan l-artikolu meta ir-rikorrenti naqsu li jindirizzaw l-ilment tagħhom taħt dan l-artikolu. Jingħad biss li dan l-artikolu jitqies bħala "*addizzjonali*" fir-rigward tal-artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni[41] u għalhekk la jista' jibdel u wisq anqas inaqqas il-firxa tat-tħaddim tal-imsemmi artikolu. Madankollu, bosta drabi jiġri – bħalma jirriżulta f'dan il-każ li l-Qorti għandha quddiemha – li l-ilment ikun jaqa' għall-istħarriġ taħt l-artikolu 8 u mhux taħt dan l-artikolu[42]. F'kull każ, għall-ilment tar-rikorrenti f'din il-kawża, jgħoddu l-istess kunsiderazzjonijiet li l-Qorti għamlet meta kienet qiegħda tistħarreġ l-ilment tagħhom ta' ksur tal-jedd imħares fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

Illi għalhekk ukoll il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrenti għal sejbien ta' ksur ta' jedd fundamentali tagħhom taħt dan l-artikolu jmissha tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba** tar-rikorrenti billi ma ntweriex li l-artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili hu inkonsistenti mal-jeddijiet fundamentali tagħhom taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 8, 14 u 5 (Seba' Protokoll) tal-Konvenzjoni u ma ntweriex li huma ġarrbu xi ksur tal-istess jeddijiet taħt l-ebda wieħed minnhom;

**Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet** tar-rikorrenti billi it-tieni talba hija hija konsegwenzjali għall-ewwel talba u billi ma hemmx direttivi li l-Qorti tista' tagħti fil-qagħda attwali taħt it-tielet talba; u

**Tordna** li r-rikorrenti jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

| | |
|---|---|
| **Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,** | **Marisa Bugeja** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |
| **29 ta' Ottubru, 2020** | **29 ta' Ottubru, 2020** |

---

[41] Q.E.D.B. **22.2.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Burghartz vs Żvizzera*** (Applik. Nru. 16213/90) § 23
[42] W.A. Schabas The European Convention on Human Rights – A Commentary (O.U.P. 2015) f'paġ. 1158